***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## IMHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Digriet tallum il-Gimgha, 21 ta' Lulju 2017.

**Rikors Numru: 917/2017/1/LSO**

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 917/2017/LSO fl-ismijiet:-**

**Catherine Psaila (KI 722358M) bint Joseph Bugeja u Natalizia k/a Letizia nee` Pace imwielda Pieta` u residenti Zurrieq**

**vs**

**Pauline Bonnici (KI 0103176M) bint Angelo**

**Bonnici u Mary Bonnici nee` Portelli mwielda Mtarfa l/o Rabat**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ta' Catherine Psaila (KI 722358) pprezentat fit-22 ta' Gunju 2017 fejn ingahd bil-qima u gie kkonfermat bil-gurament:

Illi l-esponenti ghandha interess li jitharsu l-jeddijiet taghha;

Illi l-esponenti, sabiex takkawtela d-drittijiet taghha, tixtieq izzomm l-intimata milli :-

1 Tbiegh, tassenja, iccedi jew bi kwalunkwe mod titrasferixxi kemm b' titolu gratuwitu u kemm b' titolu oneruz, il-fond li jgib l-isem ta' St Joseph Flats, *Flat number 2*, fi Triq Karmelo Dimech gewwa l-Mosta.

Illi r-rikorrenti qieghda titlob il-hrug tal-Mandat sabiex tikkawtela ghad-danni kollha illi b' negligenza tal-intimata garrab il-fond bin-numru 20 li jinsab fi Triq Carmelo Dimech gewwa l-Mosta liema fond jappartjeni lir-rikorrenti u li nghata taht titolu ta' kera lill-intimata.

Illi l-esponenti se tigi ppregudikata jekk l-intimata ma tigix inibita kif inghad, *stante* illi ma jkunx hemm mezzi sabiex jithallsu d-danni kif indikat fil-premess u li issa huma urgenti.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lill din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izommha milli tkompli taghmel il-hwejjeg hawn fuq imsemmija.

Rat id-digriet tat-22 ta' Gunju 2017 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament, u irriservat li tipprovdi definittivament fi stadju ulterjuri, appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-4 ta' Lulju 2017, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata Pauline Bonnici KI 01031M datata 26 ta' Gunju 2017.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-20 ta' Lulju 2017 fejn dehret ir-rikorrenti assistita minn Dr Josephine Farrugia Mifsud. Dehret l-intimata Pauline Bonnici assistita minn Dr Fransina Abela.
Id-difensuri prezenti trattaw ir-rikors. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-Avukati u halliet r-rikors ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## <u>**II. KUNSIDERAZZJONIJIET:**</u>

Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti qed titlob il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni sabiex twaqqaf lill-intimata milli tbiegh, tassenja, iccedi jew bi kwalunkwe mod titrasferixxi

kemm b' titolu gratuwitu u kemm b' titolu oneruz, il-fond li jgib l-isem ta' St Joseph Flats, *Flat number 2*, fi Triq Karmelo Dimech gewwa l-Mosta.

L-intimata opponiet billi sostniet li hi abbundanat id-dar temporanjament u tinsab rikoverata f'Casa Leone. *Di piu`*, gie eccepit li dan il-mandat qed jintalab minhabba allegati danni pretizi da parti tar-rikorrenti, izda l-intimata qed tikkontendi li hadet il-prekawzjonijiet mehtiega meta giet infurmata bl-allegati danni.

**Rizultanzi fattwali:**

Illi r-rikorrenti hija sid tal-proprjeta` St. Joseph Flats, Flat number 2, fi Triq Karmelo Dimech l-Mosta. Jirrizulta li l-imsemmi fond kien mikri ghand l-intimata, izda rrizulta fit-trattazzjoni li l-intimata ilha li vvakat il-fond, billi llum minhabba sahhitha u cirkostanzi ohra tinsab rikoverata f'Casa Leone. Ir-rikorrenti qed tirreklama ammont ta' danni fl-imsemmi fond allegatament ikkagunati mill-istess intimata waqt li kienet qed tirrisjedi fih. Illi r-rikorrenti pprocediet bit-talba ghall-hrug tal-mandat biex tikkawtela d-drittijiet taghha ghad-danni pretizi, fuq l-imsemmi fond.

**Dritt:**

Skont l-**artikolu 873(1) tal-Kap 12**, l-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat. Skont l-artikolu 873(2) tal-Kap 12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-

jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Ghalhekk, bil-ligi, jehtieg li jigu sodisfatti zewg kriterji. L-ewwel kirterju hu li jrid juri li l-mandat hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent, tant li bin-nuqqas tal-hrug tieghu ir-rikorrent ser isofri pregudizzju.[1] It-tieni kriterju hu li r-rikorrent ikun jidher li ghandu *prima facie* dawk il-jeddijiet.[2]

Il-htiega li jintwera li l-parti li titlob il-hrug ta' mandat bhal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretizi hija htiega oggettiva u mhux soggettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-gudikant. Ikkonsidrat li mill-istess kliem tal-ligi, z-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn l-elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat bhal dak. Illi din hi procedura intiza biex titqies bhala wahda sommarja billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kull ma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh ta' kawza dwar l-istess jedd.

Jigi dedott, li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. L-istharrig li jrid isir mill-Qorti f'talba bhal din huwa dak, jekk minghajr il-hrug tal-mandat, il-jedd li jista' jkollu jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli.

---

[1] Ara f'dan is-sens "**Grech proprio et nomine vs Manfre`**" – A.C. – deciza fl-14 ta' Lulju 1988 Vol. LXXII.ii.290; u "**40 Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar**" (P.A. (RCP) – deciza fit-2 ta' Novembru 2010).

[2] Ara f'dan is-sens "**Emanuel Sammut vs Josephine Sammut**", P.A. (TM) deciza fil-5 ta' Gunju 2003.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti ser taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet.

**Jedd *Prima facie***

Illi r-rikorrenti qed tittenta twaqqaf lill-intimata milli titrasferixxi u /jew tassenja b'titolu oneruz jew gratuwitu l-fond li jgib l-isem ta' St Joseph Flats, *Flat number 2*, fi Triq Karmelo Dimech gewwa l-Mosta. Ir-rikorrenti qed tikkontendi li d-danni fl-imsemmija proprjeta` gew ikkagunati konsegwenza tan-negligenza tal-intimata waqt l-okkupazzjoni taghha.

L-intimata irribattiet li ma abbundanatx il-fond billi tinsab rikoverata f' Casa Leone, u li mhijiex responsabbli ghall-allegati danni.

Irrizulta mit-trattazzjoni li l-intimata kienet qed tirrisjedi fl-imsemmi fond *stante* li l-fond kien mikri ghand il-genituri taghha. Irrizulta wkoll li l-intimata m'ghandhiex fondi a disposizzjoni taghha.

Fil-kaz odjern, ghalhekk, din il-Qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ppruvat, almenu fuq bazi *prima facie*, li ghandha dritt tikkawtela l-pretensjonijiet taghha rigwardanti d-danni pretizi fil-fond in kwistjoni, liema danni jirrizultaw mit-trattazzjoni li gew stmati fl-ammont ta' hmistax-il elf, mija u ghoxrin ewro (€15,120) permezz ta' valutazzjoni peritali.

**Necessita` tal-mandat.**

Il-Qorti tqis li din it-talba tissodisfa wkoll l-element ta' necessita` in kwantu jekk l-intimata tassenja jew titrasferixxi b'titolu oneruz jew gratuwitu l-imsemmi fond, ir-rikorrenti mhix ser ikollha garanzija biex tikkawtela d-danni pretizi u din it-telfa tkun irrekuperabbli.

Ghaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta li r-rikorrenti rnexxielha tipprova li jezistu l-elementi rikjesti bil-Ligi ghall-hrug tal-Mandat kif mitlub.

**III. DECIDE.**

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, billi jirrizultalha li jezistu l-elementi necessarji ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fit-termini dedotti, tilqa' t-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-intimata.

L-ispejjez jithallsu mill-intimata.

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**21 ta' Lulju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Lulju 2017**